MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 57/2012

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-kontendenti konjugi B ikkontrattaw iz-zwieg taghhom fl-erbatax (14) ta’ Marzu tas-sena elf disa mija sitta u sebghin (1976);

Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla H illum maggorenni;

Illi l-imsemmija konjugi B kienu infirdu minn xulxin b’kuntratt ta’ separazzjoni tal-hamsa (5) ta’ Marzu elfejn u

hamsa (2005), fl-atti tan-nutar Carmel Gafa, (Dokument AG 1);

Fl-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni gie dikjarat illi l-konjugi kontendenti kienu ser jiddekadew mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jircievu l-manteniment minghand xulxin.  Inoltre, l-imsemmija tifla kif intqal lahqet l-eta taghha u ghalhekk m’hemmx iktar lok ghal manteniment fil-konfront taghha;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti, anzi jrid jinghad li ir-relazzjonijiet bejn l-konjugi ghadhom hziena hafna;

Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66 B tal-Kodici Civili (Kap. 16) huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi ilhom separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni ghal dawn l-ahhar seba snin, mhux mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talab illi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex, previa s-smigh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C Kapitolu 16, ukoll sabiex jigi stabbilit illi jezistu dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C tal-Kodici Civili (Kap. 16);

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-intimata illi permezz taghha hija eccepiet :

1. Illi hija ma topponix ghall-pronunzjament tad-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub ai termini tal-Artikolu 66C tal-Kap. 16  tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Illi hija taqbel illi jezistu dawk il-kundizzjonijiet mahsuba ai termini tal-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ghall-pronunzjament ta’ l-imsemmi divorzju u dan stante :

i. il-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta’ Marzu 2005 u ilhom de facto ma jghixux flimkien sa minn qabel dik id-data;
ii. Illi ai termini tat-tieni Artikolu tal-kuntratt ta’ separazzjoni fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa tal-5 ta’ Marzu 2005, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt illi jitolbu manteniment minghand xulxin;
iii. Illi l-partijiet ghandhom tifla wahda li jisimha H illi hija maggorenni u ghandha n-negozju taghha;
iv. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jirrikonciljaw ma xulxin;

Bl-ispejjez.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta’ Marzu 2005;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi fil-kuntratt ta’ separazzjoni il-partijiet kienu iddekadew mid-dritt illi jitolbu, jew jircievu manteniment minghand xulxin u illi bint il-partijiet illum il-gurnata hija maggorenni;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien

xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------